

## EŻERĊIZZI GĦAL KULĦADD
L-ewwel ħames Ħamisijiet tar- Randan 7, 14, 21, 28, ta'Marzu u 4 ta' April 2019
**Janima: Rev Roy Galdes**

## EŻERĊIZZI GĦALL-MIŻŻEWĠIN
Mit-Tnejn 1 sal-Ġimgħa 5 ta' April 2019
**Janima: Rev Charles Attard**

## EŻERĊIZZI GĦAT-TFAL
It-Tnejn 11 ta' Marzu sal-Ħamis 11 t' April 2019 Prayer Spaces
**Janima: Rev Charlon Muscat**

It-Tnejn 1 ta' April 2019 bejn l-4.30pm u l-5.15pm Eżerċizzi tar-Randan għat-tfal ta' l-ewwel, it-tieni u it-tielet sena tal-Katekiżmu għat-Tfal. Mistiedna l-ġenituri.

Il-Ħamis 4 t'April 2019 bejn 4.30pm u l 5.15pm Eżerċizzi tar-Randan għat-tfal ta' l-ewwel, it-tieni u it-tielet sena tal-Katekiżmu għat-Tfal. Mistiedna l-ġenituri.

It-Tnejn 8 t'April 2019 bejn l-4.30pm u l-5.15pm Eżerċizzi tar-Randan għat-tfal tar-Raba', Ħames u Sitt sena. Mistiedna l-ġenituri.

Il-Ħamis 11 t'April 2019 bejn l-4.30pm u l-5.15pm Eżerċizzi tar-Randan għat-tfal tar-Raba', Ħames u Sitt sena. Mistiedna l-ġenituri.

## 'L-IKONA: SEJĦA U AKKOLJENZA'
L-Erbgħa 8, 15, 22 u 29 ta' Mejju 2019

**Janima: Patri Tumas Calleja OFM Conv**
Huwa l-awtur tal-ktieb: 'L-ikoni – Il-Vanġelu bil-Kulur'. Jispjegalna kif kull ikona, parti sabiħa mill-ispiritwalità tal-Lvant Nisrani, hija 'tgħannieqa t'Alla mal-persuna li jirċevieha' u kif meta nitolbu bl-Ikoni, nagħtu lura dik it-tgħannieqa lil Alla.

Tul dawn l-erba' laqgħat P. Tumas jgħallimna naqraw il-lingwa tal-ikona: it-tifsira tal-kuluri, għajnejn, dellijiet, dwal u l-bqija. Imbagħad nirriflettu flimkien dwar diversi Ikoni u x'jgħallmuna dwar l-ospitalità fil-ħajja ta' kuljum. Dimensjoni Marjana tul dan ix-xahar ta' Mejju ma tonqosx. Dan il-kors ser joffri kemm informazzjoni kif ukoll nutriment għall-ħajja spiritwali ta' kuljum.

P. Tumas Calleja jaqdi fil-Fraternita' tal-Franġiskani Konventwali ġewwa Burmarrad imma serva f'diversi postijiet madwar id-dinja inklużi it-Turkija, Assisi u l-Filippini.

Dan il-Kors huwa maħsub għall-kulħadd.

## KORS QASIR DWAR L-EWKARISTIJA
## 'L-AKBAR TEŻOR TAGĦNA – L-EWKARISTIJA: SAGRAMENT T'OSPITALITÀ'
L-Erbgħa 5, 12 u 19 ta' Ġunju 2019

**Alla jilqa' lilek ... Inti tilqa' lil Alla ġewwa fik ... Flimkien nilqgħu lil xulxin. Tapprezza dan is-sagrament? Jew drajtu wisq?**
F'dawn it-taħditiet se nkomplu napprezzaw li fl-Ewkaristija aħna nilqgħu lil Kristu Rxoxt ġewwa fina. Huwa jibdilna fiH. Nimtlew b'saħħa spiritwali biex flimkien nibnu l-komunità parrokkjali, naqdu lil xulxin kullimkien u nagħtu xhieda tassew Nisranija fil-Knisja u fis-soċjetà li ngħixu fiha. Il-konklużjoni ta' dan il-kors tkun ġurnata adorazzjoni animata parti mill-kwaranturi bi preparazzjoni għal festa ta' Corpus Christi.

**Janima: Mons. Prof. Hector Scerri**
Ilu jgħallem it-Teoloġija Dommatika fil-Fakultà tat-Teoloġija tal-Università ta' Malta mill-1998, Viċi-Dekan tal-Fakultà mill-2015. President tal-Kummissjoni Ekumenika Djoċesana, u tal-Kummissjoni Dottrinali tal-Konferenza Episkopali Maltija. Konsultur tal-Kunsill Pontifiċju għall-Għaqda fost l-Insara.

Dan il-Kors huwa maħsub għal kulħadd, b'mod speċjali għal-Operaturi Pastorali, partikolarment il-Ministri Staordinarji tat-Tqarbin.


Parroċċa Familja Mqaddsa, Pjazza Ninu Cremona, l-Iklin, IKL1302
TELEFON: 21 423 003 MOBILE TAL-KAPPILLAN: 7997 2444
EMAIL: parrocca.iklin@maltadiocese.org / keith.bonnici@maltadiocese.org

PARROĊĊA Familja Mqaddsa L-IKLIN
www.parroccaiklin.com


## KORS QASIR DWAR IL-BIBBJA GĦAS-SAJF 2019
Janima: Dun Sinclair Buġeja

Imwieled l-Iklin u huwa l-ewwel saċerdot minn meta l-Iklin sar parroċċa. Qaddes fl-2017 u kien assenjat jaħdem fil-Parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem ġewwa Birkirkara. Jinsab jispeċjalizza l-istudji dwar l-Iskrittura Mqaddsa fl-Istitut Pontifiċju Biblicum ġewwa Ruma.

Ser jaqsam magħna kullana ta' riflessjonijiet dwar il-Ktieb ta' Rut li huwa fost l-iqsar fil-Bibbja, imma li fih minjiera ta' tagħlim dwar l-ospitalita' u d-dimensjonijiet differenti tagħha.

Dan il-kors huwa maħsub għal kulħadd.

## ISTITUT TA' FORMAZZJONI PASTORALI
L-għan ewlieni ta' l-Istitut ta` Formazzjoni Pastorali hu li jipprovdi formazzjoni xierqa għall-membri kollha tal-komunita Kattolika Maltija. Fl-isforz sabiex tissaħħaħ l-identità, il-komunjoni u l-missjoni ta' din il-komunità ta' aħwa, l-IFP joffri opportunitajiet ta' (a) formazzjoni permanenti, (b) esperjenzi spiritwali, (c) formazzjoni professjonali tal-operaturi pastorali għat-twettiq ta' il-ministeri u tal-ħidmiet tagħhom, (d) kif ukoll ta' esperjenzi ta' djalogu mas-soċjetà Maltija.

Fost it-tlettax il-kors, din is-sena l-IFP ser ikun qed joffri:
**The Human Experience of God in Prayer**
**Discovering the Christian Faith**
**Adolescent and Youth Ministry**
**Family Ministry**
**History of the Church in Malta**

PFI Pastoral Formation Institute
www.malta.pfi.org

Għal aktar dettalji fuq il-korsijiet kollha u l-applikazzjoni ibagħtilna fuq deborah.ebejer@maltadiocese.org

## UNIVERSE OF FAITH
Universe of Faith is an online space for doubters and seekers to explore questions, and share one's faith experience. This website leads to a journey where you can witness the Catholic faith through videos, images, stories and inspiring quotes. Content shared by others who, like yourself, are on a searching journey.

UOF Universe of Faith Never Stop Searching

Become part of our online community where you can discuss, learn and share various topics
Visit us on www.universeoffaith.org or follow us on Facebook; Universe of Faith – Never Stop Searching
Send us your experience* on hello@universeoffaith.org

*Under 18 contributions need to include a consent form from their parent/guardian to participate.



PARROĊĊA *Familja Mqaddsa* L-IKLIN

"Jekk jiġi jgħammar miegħek f'artek il-barrani, la taħqrux. Ikun għalikom il-barrani bħal wieħed ta' ġewwa; ħobbu bħalek innifsek, għax barranin kontu fl-art ta' l-Eġittu: Jiena l-Mulej Alla tagħkom"

– Lev 19, 33-34

# PROGRAMM TA' FORMAZZJONI GĦALL-ADULTI

2018-2019

# PROGRAMM TA' FORMAZZJONI GĦALL-ADULTI

2018-2019

## SEMINARS | JANIMAW DIVERSI KELLIEMA

Dawn is-seminars huma mmirati għall-ġenituri tat-tfal tal-klassijiet tal-katekiżmu.

**Il-Ħadd 4 ta' Novembru 2018**
Klassi sena 6 - 'Il-qabża bejn l-iskola primarja u dik sekondarja fid-dawl taż-żamma tal-valuri nsara.'

**Il-Ħadd 2 ta' Diċembru 2018**
Klassi sena 1, 2 u 3 - 'L-isfida tal-ġenituri versu l-indipendenza tal-ulied u l-libertá tal-għażla li joħorġu minn informazzjoni u formazzjoni b'saħħitha matul it-trobbija tal-bidu fiċ-ċkunija.'

**Il-Ħadd 6 ta' Jannar 2019**
Klassi sena 4, 5 u 6 - 'L-akkumpanjament san u b'saħħtu tal-ġenituri fl-iżvilupp spiritwali, emozzjonali, fiżiku u soċjali tal-ulied.'

**Il-Ħadd 3 ta' Frar 2019**
Klassi sena 1, 2 u 3 - 'Kif nifforma lil ibni / binti fl-għarfien tal-irwoli  u r-rispett lejn il-ġenituri, l-għalliema diversi u l-awtoritajiet varji.'

**Il-Ħadd 3 ta' Marzu 2019**
Klassi sena 1 - 'Meta tirċievi jkollok idejk mimlija imma meta tagħti jkollok qalbek mimlija! L-atruwiżmu, l-ġenerozita u l-għajn għal bżonn tal-proxxmu joħorġu mill-bżonn uman li tagħti u mhux tirċievi biss.'

**Il-Ħadd 7 ta' April 2019**
Klassi sena 3 - 'Ir-relazzjoni tat-tfal ma sħabhom bi bżonnijiet partikulari fid-dawl tal-valuri nsara u umani.'

**Il-Ħadd 4 ta' Mejju 2019**
Klassi sena 4 u 5 - 'l-għazla tal-ħbieb u x' wieħed għandu jfittex fil-ħbieb tajbin u integri.'





15 ta' Settembru 2018

## LILL-MEMBRI TAL-KOMUNITÀ PARROKKJALI TAL-IKLIN
## HOP ON...HOP OFF...FORMATION WEDNESDAYS

**San Pawl kiteb: 'L-Ospitalita għandha tkun l-aqwa kwalita tagħkom' (Rum 12,13)**

Għalhekk ħejjejna programm sabiħ ta' formazzjoni għall-adulti għax-xhur li ġejjin  biex jgħinna ninbnew bħala komunita Nisranija li tilqa lil Alla f'qalbna u lill-oħrajn.

Qed insejħulu **'Hop on...Hop off...Formation Wednesdays'**. Min irid, jista' jiġi għal-laqgħat kollha li ser isiru nhar t'Erbgħa wara l-quddiesa tas-6.15 pm sat-8.00 pm. Imma tista tagħżel kors wieħed u tiġi għalih. Il-korsijiet huma kollha qosra. Ma jeħdux aktar minn 4 laqgħat.

Nistiednek tara ftit il-proposti li qed nagħmlu bħala Parroċċa u Djoċesi din is-sena għall-formazzjoni tal-membri adulti tagħha u tara liema tixtieq tattendi.

Is-Sliem u l-ħajr



Kappillan

Il-Ħadd 11 ta' Novembru 2018 mit-8.30 sal-11.15 am

## IRTIR 'L-OSPITALITÀ TKUN L-AQWA KWALITÀ TAGĦKOM'

Naqraw u nitolbu flimkien erba' testi mill-Iskrittura Mqaddsa dwar diversi aspetti tal-Ospitalità. Noħorġu konklużjonijiet prattiċi ispirati mill-Kelma t'Alla dwar kif ngħixu l-ospitalità.

**Dawn huma:**
Ġenesi 18, 1 – 16 – Abraham u Sara jilqgħu għandhom tlett stranġieri
Luqa 1, 39 – 56 – Marija żżur lil Elizabetta
1 Tim 5, 10 – Nitgħallem l-Ospitalita'
Atta 28, 1 - 9 – San Pawl jipprattika l-Ospitalità mal-Maltin

**Janima: Rev. Dr Paul Sciberras**
Ordnat saċerdot fl-1988, tħarreġ fix-Xjenzi Bibliċi fl-Istitut Pontifiċju Bibliku ta' Ruma. Mill-2003 jgħallem L-Iskrittura fil-Fakultà tat-Teoloġija, fl-Università ta' Malta, minn fejn kiseb ukoll id-dottorat fl-2011. Bħalissa huwa l-Kap tad-Dipartiment tal-Iskrittura, il-Lhudi u l-Grieg. Huwa membru akkademiku tal-Għaqda Biblika Maltija, u membru tal-Kummissjoni għar-Reviżjoni tal-Bibbja bil-Malti. Huwa ko-editur tal-Bibbja bil-Malti bil-Braille u konsulent għall-Proġett tar-Rakkonti tal-Milied bil-Lingwa tas-Sinjali bil-Malti.
Dan l-irtir huwa maħsub għall-kulħadd imma b'mod speċjali l-Operaturi Pastorali

## KORS GĦALL-ANIMATURI TAL-LITURĠIJA

L-Erbgħat 7, 14, 21, 28 ta' Novembru 2018. 'L-animazzjoni liturġika li tospita l-komunita'.
Ninfurmaw u niffurmaw lilna nfusna sabiex bil-ħidma tagħna b'risq iċ-ċelebrazzjoijiet liturġiċi l-animazzjoni liturġika tgħinna sabiex nagħmlu mill-komunita tagħna waħda akkoljenti fejn kulħadd iħossu milqugħ u l-qima tagħna flimkien tkun waħda aktar kollettiva, sinċiera u veritiera.
Dan il-kors huwa maħsub għal kull min jagħti xi servizz lil artal jew ħidma relatata mal-liturġija bħall-abbatini, il-korijiet u min imexxi l-kant, kanturi u letturi kif ukoll il-ġemgħa.

**Janima Emmanuel Said**
Imwieled ir-Rabat ta Malta fl-1973. Jahdem fis-settur tat-Trasport. Huwa tħarreġ u iggradwa mill-Universita` ta' Malta f'Novembru tal-2009, permezz ta' Baċellerat fit-Teoloġija. F'Novembru tal-2016, mill-istess Universita` huwa kiseb ukoll Masters fl-Akkumpanjament Spiritwali. Huwa miżżewweġ lil Romina nee Mifsud. Jgħin fil-Parroċċa Familja Mqaddsa tal-Iklin, fejn huwa responsabbli mill-formazzjoni tal-adulti, u fil-Parroċċa ta' Marija Immakulata Bormla bħala kordinatur ta' laqgħat formattivi u nformattivi għal koppji.

## KORS GĦALL-LETTURI

L-Erbgħa 9, 16, 23, u 30 ta' Jannar 2019

Inxandru l-Kelma t'Alla mhux tal-bnedmin, filwaqt li nħallu lil Alla jkellem lil qalb tal-poplu tiegħu permezz tagħna. Nifhmu l-istili u l-importanza ta' proklamazzjoni għal żminijiet liturġiċi differenti.

**Janima:Emmanuel Said.**
Dan il-kors huwa maħsub għal dawk kollha li jipproklamaw il-Kelma t'Alla waqt il-quddiesa.

## IRTIR BIL-MIXI - 'IN-NATURA TERFGĦALNA ĦSIEBNA U QALBNA LEJN ALLA U XXENAQNA GĦALIH'

Il-Ħadd 17 ta' Marzu ġewwa ż-Żebbiegħ.
"F'mergħat kollhom ħdura jqiegħdni u ħdejn l-ilma fejn nistrieħ jeħodni"; Salm 23 jurina kif il-ħolqien jista' jkun il-laqgħa tagħna ma' Alla fejn in-natura tkun dik li tgħinna nilqgħu lil Alla kif Hu, permezz tan-natura, jilqa' lilna.

**Janima: Dun Jimmy Bonnici**
Imwieled il-Mosta fl-1972, ġie ordnat saċerdot f'Ġunju tal-1998. Fl-ewwel snin tas-saċerdozju tiegħu huwa ġie mibgħut jistudja Ruma ġewwa l-Universita' Pontificja Gregorjana. Lura Malta Dun Jimmy ġie maħtur Rettur tas-Seminarju Arciveskovili ġewwa tal-Virtù r-Rabat. Fil-preżent huwa jmexxi l-Istitut Formazzjoni Pastorali fi ħdan l-Arcidjoċesi ta' Malta. Huwa jaqdi wkoll l-ministeru tiegħu fil-knisja ta' Sant' Anna ġewwa ż-Żebbiegħ.

Dan l-irtir huwa maħsub għal kulħadd.



## CELEBRAZZJONI MARJANA - 'MA MARIJA INĦEJJU RUĦNA BIEX NILQGĦU LIL MULEJ IRXOXT'

Dati jitħabbru aktar tard
Ċelebrazzjoni permezz tal-qari flimkien ma' riflessjonijiet Marjani matul l-Erbgħat tar-Randan mibnija fuq l-innu antik Marjan tar-rit Biżantin għal żmien ir-Randan bl-isem Akathistos, sabiex ma' Marija inħejju ruħna sabiex nirriflettu t-tbatija redentiva ta' Ġesu' li twassalna biex nilqgħu lil Mulej Binha irxoxt.

**Janima: P. Renald Lofreda O Carm**
P. Renald huwa Sacerdot Karmelitan fejn ta s-sevizz tieghu f'diversi kunventi tal-Provinċja Karmelitana f'Malta. Għal diversi snin kien ukoll kappillan tal-Parroċċa Madonna tal-Karmnu fil-Fgura. Fil-preżent jagħti s-sevizz tiegħu fil-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu ġewwa Fleur-De-Lys.

Dan iċ-ċelebrazzjonijiet Marjani huwa maħsuba għal kulħadd.